# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum*

# 2008

# RELIĠJON

# TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU

**A. Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha. (10 marki)**

1. Il-qrar huwa (kmandament, sagrament, preċett, talba) tal-Knisja.
2. Meta noffendu lil xi ħadd, aħna għandna (nitolbu maħfra, ma nkellmuhx iżjed, nugżawh lill-għalliema, inġellduh ma' sħabna).
3. Meta nagħmlu d-dnub, għandna (mmorru nistaħbew, nwaħħlu fl-oħrajn, mmorru nqerru, nħossuna kburin).
4. Bil-qrar (l-għalliem, is-sagristan, is-superjur, Ġesù) jgħaqqadna miegħu u ma' xulxin permezz tal-qassis.
5. Biex inqerr tajjeb għandi (naħseb dnubieti sewwa, noqgħod għarkobbtejja, nsaqsi lil sħabi, nqerr li jaqbilli).



6. Nindem minn dnubieti tfisser (naħseb id-dnubiet, immur nitqarben, jiddispjaċini li żbaljajt, inqerr spiss).
7. Nuru li tassew jiddispjaċina minn dnubietna meta nitħarrġu (fil-penitenza, fil-logħob, fl-ilbies, fl-istudju).
8. Nikbru fil-karità meta (nħennu u ngħinu, nisirqu biex ngħinu lil oħrajn, naħsbu fina biss, niftaħru).
9. Fir-Randan, bil-penitenza, insiru nixbħu (lix-xitan, lill-kantanti, lin-nies popolari, lil Ġesù).
10. Bit-talb u l-penitenza, fir-Randan aħna nitħejjew tajjeb għall-festa ta' (l-Avvent, l-Għid, Santa Marija, Kristu Sultan).

**B. Imla l-vojt. L-ewwel waħda magħmula bħala eżempju. (10 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **wlied** | **dejjem** | ***ħolqien*** | **tagħder** | **ġisem** | **xbieha** |
| **nikbru** | **il-fidi** | **qalb** | **lix-xitan** | **moħħ** | |

1. Il- ___***ħolqien***___ jurina kemm Alla hu tassew kbir u għaref.
2. Lil Alla ma narawhx f'din id-dinja għax m'għandux ________________ bħal tagħna.

3. Alla kien min dejjem u jibqa' għal ________________________. La għandu bidu u lanqas tmiem.
4. Alla ħalaqna ________________________ tiegħu, u għamilna raġel u mara.
5. Lill-bnedmin, Alla tahom ________________________ biex jifhmu u ________________________ biex iħobbu.
6. Aħna nistgħu ngħixu u ________________________ għax Alla jżommna bil-qawwa ta' l-Ispirtu Tiegħu.
7. Insiru ________________________ Alla u nidħlu fil-familja tiegħu meta nirċievu s-sagrament tal-magħmudija.
8. Meta konna żgħar u rċevejna l-magħmudija, il-ġenituri u l-parrinijiet, f'isimna, qalu le ________________________ u stqarrew ________________________ tagħna.



9. Mulej, int tħobb kull ma jgħix u ________________________ lil kulħadd għax kollox huwa tiegħek.

**Ċ. Ikteb talba (ta' 5 sentenzi) lil Alla biex tirringrazzjah ta' l-imħabba tiegħu lejk. (5 x 2 = 10 marki)**

1. ________________________________________
2. ________________________________________
3. ________________________________________
4. ________________________________________
5. ________________________________________

**D. (i) Is-Sena Liturġika**
**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-Ewwel waħda magħmula għalik bħala eżempju. (6 marki)**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | L-Avvent | | Żmien ta' penitenza, talb u ndiema |
| 2. | Il-Milied | | Epifanija |
| 3. | Żmien il-Milied | | Festa tal-qaddisin kollha |
| 4. | Ir-Randan | | L-Iben t'Alla sar bniedem bħalna. |
| 5. | L-Għid | | Ġesù qam mill-mewt. |
| 6. | Pentekoste | | L-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli |
| 7. | Żmien matul is-sena | **1** | Nippreparaw għall-miġja ta' Ġesù li se jitwieled. |

**(ii) Agħti żewġ eżempji kif għandna niċċelebraw il-festi reliġjużi b'mod verament nisrani.** **(4 marki)**

1. ________________________________________

2. ________________________________________

**E. (i) Qabbel is-sentenzi / frażijiet ta' l-ewwel kolonna ma' sentenzi / frażijiet mit-tieni kolonna.** **(6 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-festa tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna | | Qalet Marija lill-anġlu Gabrijel. |
| 2. | "Mara, hawn hu Ibnek" | | Il-15 ta' Awissu |
| 3. | Il-ġrajja tat-twelid tal-Madonna. | | Ngħidu hekk fit-talba tas-Sliema u l-Qaddisa. |
| 4. | "Itlob għalina midinbin" | | "Twieled minn Marija Verġni" |
| 5. | "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej" | | Qal Ġesù lil Marija fuq il-Kalvarju. |
| 6. | Fil-Kredu hekk nistqarru | | It-8 ta' Settembru |

**(ii) Ikteb żewġ sentenzi lil Madonna biex titlob l-għajnuna tagħha.** **(4 marki)**



**F. Imla l-vojt: SALVE REĠINA. (10 marki)**

Sliema għalik Sultana, omm tal- ________________________ ħajja ħlewwa u tama tagħna, sliem għalik. ________________________ ingħajtu għaliex aħna tturufnati wlied ________________________, Lilek nitniehdu, aħna li ________________________ u ________________________ f'dan il-wied tad- ________________________.

Ejja mela ________________________ tagħna, dawwar lejna dawk ________________________ tiegħek tal-ħniena, u wrina wara dan it-turufnament, lil ________________________ frott imbierek tal-ġuf tiegħek, O ________________________, O pija, O ħelwa Verġni Marija.

**Ġ. Aqra u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (15-il marka)**

**Anniversarju ta' San Pawl**



L-għalliema tas-sitt klassi kienet qed tgħid lit-tfal li l-Knisja din is-sena, fid-dinja kollha, se tfakkar 2000 sena mit-twelid ta' San Pawl.
Iċ-ċelebrazjonijiet se jibdew fit-28 ta' Ġunju 2008 u jispiċċaw fid-29 ta' Ġunju 2009.
"Mela f'Malta żgur se nagħmlu festi kbar," qalet Marija.
"Din għandha tkun sena li fiha d-dinja kollha sejra tkun taf ħafna iżjed fuq San Pawl. Kemm ivvjaġġa u ħadem biex id-dinja kollha issir tħobb lil Ġesù," qal Pawlu.
"San Pawl, barra li ġie Malta, kiteb ukoll ħafna ittri biex jgħidilna kif għandna nħobbu lil Ġesù'," żiedet tgħid Carmen.
"Il-Papa qed iħeġġeġ lill-insara biex imorru jżuru l-postijiet li żar San Pawl, fosthom Ruma fejn miet," qalet l-għalliema.
"Mela s-sena d-dieħla ħafna nies ħa jżuru Malta. L-insara kollha ser iħossuhom aktar qrib xulxin," qalet Tania.
"Il-Papa għamel programm sħiħ għas-sena d-dieħla u aħna wkoll nistgħu nagħmlu tant affarijiet", żiedet tgħid l-għalliema.
"Iva, irridu naraw aħna x'nistgħu nagħmlu," qal Pawlu, "u permezz ta' l-internet naqsmu x-xogħol tagħna mat-tfal tad-dinja kollha."
"Jiena għandi l-email ta' l-iskejjel li kienu ħadu sehem fil-*Comenius Project* u nistgħu nitolbu skejjel oħra biex huma wkoll jagħmlu l-istess", kompla jgħid Glenn.

1. Liema anniversarju ta' San Pawl se niċċelebraw din is-sena? (marka)

________________________________________________________________

2. Għalfejn San Pawl kien jivvjaġġa u jmur f'ħafna pajjiżi fid-dinja? (marka)

________________________________________________________________

________________________________________________________________

3. Kif, minflok Ruma, San Pawl spiċċa Malta? (marka)

________________________________________________________________

________________________________________________________________

4. F’liema ġurnata aħna l-Maltin niċċelebraw il-miġja ta’ San Pawl f’Malta? (marka)

______________________________________________

5. Meta San Pawl ħeles mill-għarqa, il-Maltin qabbdu ħuġġieġa.

(a) X’ħareġ mill-ħuġġieġa u x’ġara? (marka)

______________________________________________

(b) Ġralu xi ħaġa San Pawl? (marka)

______________________________________________

(ċ) X’ħasbu l-Maltin? (marka)

______________________________________________

6. X’għamel San Pawl fit-tliet xhur li dam Malta? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

7. Min kien l-ewwel Isqof tal-Knisja f’Malta? (2 marki)

______________________________________________

8. Ikteb talba ta’ erba’ sentenzi lil San Pawl. (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## G. Aqra dan li ġej u wieġeb.

### Is-seba’ kmandament: LA TISRAQX



Aħna għandna nibżgħu għall-affarijiet tagħna u ta’ ħaddieħor.
M’għandniex ngħiru, nagħmlu ħsara, jew nieħdu dak li mhux tagħna.
Jekk ikollna bżonn il-flus għandna nitolbuhom mingħand il-ġenituri, u mhux naqbdu u noħduhom.
Meta nissellfu jew insibu xi oġġetti għandna nibżgħu għalihom u nrodduhom lura.
In-negozjanti għandhom ikunu onesti u ma jidħkux bil-klijenti tagħhom.
Min iħaddem għandu jagħti ħlas ġust lill-ħaddiema tiegħu, u l-ħaddiem għandu jagħmel xogħlu kif jixraq.
Alla ħalaq l-ambjent biex igawdih kulħadd. Min jagħmel ħsara lill-ambjent ikun qed jikser is-seba’ kmandament.

**(i) Ikteb sentenza fuq kif kull wieħed minn dawn ikun qed jobdi s-seba' kmandament. (3 x 2 = 6 marki)**

1. Tal-ħanut

___

2. Min iħaddem

___

3. Il-ħaddiem

___

**(ii) Ikteb 3 sentenzi fuq kif int għandek tobdi s-seba' kmandament. (6 marki)**

(a) ___

(b) ___

(ċ) ___

**(iii) Għaliex min jagħmel ħsara lill-ambjent ikun qiegħed jikser is-seba' kmandament? (3 marki)**

___

___

___

## GĦ. Il-Quddiesa

**(i) Fisser dawn it-taqsimiet fil-quddiesa. (5 marki)**



1. Liturġija tal-Kelma.

___

___

2. Salm Responsorjali

___

___

3. L-Evanġelju

___

___

4. It-Tqarbin (Sagrament ta' l-għaqda)

5. Is-Sinjal tal-Paċi.

**(ii) X'jgħid u x'jagħmel is-saċerdot, f'isem Ġesù, fil-quddiesa biex il-ħobż u l-inbid isiru l-ġisem u d-demm ta' Kristu?** **(5 marki)**





# TMIEM